2. Fil-każ li tintlaqa' talba għall-estradizzjoni dwar reat ta' estradizzjoni, għandha tintlaqa' wkoll għal kull reat ieħor imsemmi fit-talba jekk dan ta' l-aħħar ikun punibbli bit-tneħħija tal-liberta` għal żmien ta' sena jew anqas, sakemm ikunu sodisfatti ir-rekwiżiti l-oħra kollha għall-estradizzjoni.

3. Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, reat jiġi meqjus reat ta' estradizzjoni:

(a) mingħajr ma jittieħed qis jekk il-liġijiet ta' l-Istat Rikjedent u l-Istat Rikjest iqegħdux ir-reat taħt l-istess kategorija ta' reati jew jiddeskrivux ir-reat bl-istess terminoloġija;

(b) mingħajr ma jittieħed qis jekk ir-reat hux wieħed li dwaru l-liġi federali ta' l-Istati Uniti tirrikjedi li jiġi muri li jkun hemm xi materja bħal trasport bejn stat u ieħor, jew l-użu tal-posta jew ta' faċilitajiet oħra li jolqtu l-kummerċ bejn stat u ieħor jew ma' barra, billi materji bħal dawn huma biss għall-għan biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni f'qorti federali ta' l-Istati Uniti; u

(c) f'każijiet kriminali li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, dazji doganali, kontroll ta' munita u l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merċa, minghajr ma jittiehed qis jekk il-ligijiet ta' l-Istat Rikjedent u ta' l-Istat Rikjest jipprovdux għall-istess xorta ta' taxxi, dazji doganali, jew kontrolli fuq munita jew fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-istess xorta ta' merċa

4. Fil-każ li r-reat ikun sar barra mit-territorju ta' l-Istat Rikjedent, l-estradizzjoni għandha tintlaqa', soġġett għar-rekwiziti l-oħra applikabbli għall-estradizzjoni, jekk il-liġijiet ta' l-Istat Rikjest jipprovdu li għandha tingħata piena għal reat li jsir barra mit-territorju tiegħu f'ċirkustanzi simili. Jekk il-ligijiet ta' l-Istat Rikjest ma jipprovdux li għandha tingħata piena għal reat li jsir barra t-territorju tiegħu f'cirkostanza simili, l-awtorita` esekuttiva ta' l-Istat Rikjest, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' tagħti l-estradizzjoni b'dan li r-rekwiziti l-oħra applikabbli għall-estradizzjoni ikunu sodisfatti.

## Artikolu 3
## Nazzjonalita`

1. Il-Partijiet Kontraenti ma għandhomx jirrifjutaw l-estradizzjoni fuq il-bażi biss tan-nazzjonalita` tal-persuna mfittxija dwar reati li jaqgħu taħt id-deskrizzjonijiet li ġejjin :

(1) parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali ;
(2) terroriżmu;
(3) traffikar ta' persuni;
(4) sfruttar sesswali ta' tfal u pornografija bit-tfal;
(5) traffikar illeċitu f'mediċinali narkotiċi u sustanzi psikotropiċi;
(6) traffikar illeċitu f'armi, munizzjon u splużivi;
(7) korruzzjoni;
(8) frodi;
(9) *Laundering* ta' rikavat ta' reati kriminali;
(10) falsifikazzjoni ta' munita;
(11) reati kriminali li għandhom x'jaqsmu ma' *computers*;
(12) reati kriminali li jolqtu l-ambjent, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali pperikolati u ta' speċi u varjetajiet ta' pjanti pperikolati;
(13) faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni, dħul u residenza mhux awtorizzati;

(14) omiċidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna;
(15) kummerċ illeċitu f'organi u tessuti tal-bniedem ;
(16) serq ta' persuni, żamma ta' persuni kontra l-liġi u teħid ta' ostaġġi ;
(17) serq organizzat jew bl-armi;
(18) traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali, inklużi antikitajiet u opri ta' l-arti;
(19) rikatt organizzat (*racketeering*) u estorsjoni;
(20) falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti inkluża propjeta' intellettwali;
(21) falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom;
(22) falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament ;
(23) traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi oħra ta' tkabbir ;
(24) traffikar illeċitu ta' materjal nukleari jew radjuattiv ;
(25) traffikar ta' vetturi misruqin ;
(26) stupru;
(27) ħruq ;
(28) ħtif illegali ta' ajruplani jew bastimenti ;
(29) sabutaġġ ; u
(30) assoċjazzjoni fi, jew tentattiv ta', xi wieħed mir-reati elenkati f'dan l-Artikolu

2. Minbarra dan, dwar reati mhux deskritti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorita` eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest ikollha s-setgħa` li testradixxi persuni tan-nazzjonalita` tagħha jekk tiddeċiedi tagħmel hekk.

3. Jekk l-estradizzjoni tiġi miċħuda fuq il-bażi biss tan-nazzjonalita` tal-persuna mfittxija skond dak li jipprovdi l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Rikjest, għandu, fuq talba ta' l-Istat Rikjedent, iressaq il-każ quddiem l-awtoritajiet kompetenti tiegħu bil-għan ta' prosekuzzjoni.

4. Il-Partijiet jistgħu jżidu mar-reati speċifikati f'dan l-Artikolu bi ftehim bejniethom u b'notifika lil xulxin li ssir b'mezzi diplomatiċi.

## Artikolu 4

## Reati Politiċi u Militari

1. L-estradizzjoni ma għandhiex tingħata jekk ir-reat li dwaru ssir it-talba għall-estradizzjoni jkun reat politiku.

2. Għall-finijiet ta' dan it-Trattat, ir-reati li ġejjin ma jitqiesux reati politiċi:

(a) omiċidju volontarju jew reat kriminali ieħor vjolenti kontra l-Kap ta' Stat ta' l-Istat Rikjedent jew ta' l-Istat Rikjest, jew ta' xi membru tal-familja tal-Kap ta' Stat;

(b) reat li dwaru kemm l-Istat Rikjedent kif ukoll l-Istat Rikjest għandhom obbligu skond xi ftehim internazzjonali multilaterali dwar ġenoċidju, atti ta'

terroriżmu, traffikar illeċitu ta' mediċinali narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, jew reati oħra, li jestradixxu lill-persuna mfittxija jew li jressqu l-każ quddiem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex tittieħed deċiżjoni dwar prosekuzzjoni ;

(c) omiċidju volontarju, omiċidju skużabbli (*manslaughter*), jew offiża gravi volontarja fuq il-persuna;

(d) reat li jinvolvi serq ta' persuna, ħtif ta' persuna, jew kull forma ta' detenzjoni illegali, inkluż it-teħid ta' ostaġġ;

(e) it-tqegħid jew l-użu ta' splusiv, ta' mezz inċendjarju jew distruttiv li jkun kapaċi jipperikola l-ħajja, jew li jikkaġuna offiżi sostanzjali fuq il-persuna, jew li jikkaġuna ħsara sostanzjali lill-propjeta';

(f) assoċjazzjoni fi, jew tentattiv ta', xi wieħed mir-reati fuq imsemmija, jew li tgħin jew tħajjar peruna li tikkommetti jew li tagħmel tentattiv biex tikkommetti dawk ir-reati.

3. Reati taħt il-liġi militari li mhumiex ukoll reati taħt id-dritt kriminali ordinarju huma esklużi mill-ambitu ta' applikazzjoni ta' dan it-Trattat.

## Artikolu 5

## Motivazzjoni Politika

L-estradizzjoni għandha tiġi miċħuda jekk l-awtorita` eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest jistabilixxi li t-talba tkun saret għal mottiv politiku.

## Artikolu 6

## Prosekuzzjoni Preċedenti

1. L-estradizzjoni għandha tiġi miċħuda meta:

(a) il-persuna mfittxija tkun ġiet misjuba ħatja jew tkun ġiet liberata fl-Istat Rikjest dwar reat li dwaru tkun saret it-talba ta' estradizzjoni; jew,

(b) il-persuna mfittxija jkollha xort'oħra immunita` milli tiġi proċessata għar-reat li dwaru ssir it-talba ta' estradizzjoni u dan skond il-liġi ta' l-Istat Rikjest dwar prosekuzzjonijiet preċedenti.

2. L-estradizzjoni mhix prekluża bil-fatt li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Rikjest:

(a) ikunu ddeċidew li l-persuna mfittxija ma għandhiex tiġi proċessata għall-atti li dwarhom tintalab l-estradizzjoni;

(b) ikunu ddeċidew li ma jkomplux bil-proċeduri kriminali li jkunu nbdew għal dawk l-atti kontra l-persuna mfittxija; jew

(c) ikunu għadhom qed jinvestigaw lill-persuna mfittxija għall-istess atti li dwarhom tintalab l-estradizzjoni.

## Artikolu 7

## Preskrizzjoni

Jekk il-liġi tiegħu tkun hekk teħtieġ, l-Istat Rikjest jista', sabiex jiddeċiedi jekk għandhiex tintlaqa` it-talba għall-estradizzjoni, jieħu qis tal-liġi dwar il-preskrizzjoni ta' l-Istat Rikjedent jew ta' l-Istat Rikjest.

## Artikolu 8

## Piena Kapitali

1. Meta r-reat li dwaru qed tintalab l-estradizzjoni huwa punibbli bil-mewt taħt il-liġijiet tal-Istat Rikjedent iżda ma jkunx punibbli bil-mewt taħt il-liġi ta' l-Istat Rikjest, l-Istat Rikjest jista' jirrifjuta l-estradizzjoni sakemm l-Istat li jagħmel it-talba ma jagħtix l-assikurazzjoni tiegħu li l-piena tal-mewt ma tingħatax jew, jekk minħabba raġunijiet proċedurali dik l-assikurazzjoni ma tistgħax tingħata mill-Istat Rikjedent, taħt il-kundizzjoni li l-piena tal-mewt, jekk tingħata, ma tiġix esegwita.

2. F'dawk il-każijiet fejn l-Istat Rikjedent jagħti l-assikurazzjonijiet tiegħu skond il-paragrafu 1, il-piena tal-mewt, jekk tingħata mill-qrati ta' l-Istat Rikjedent, ma għandhiex tiġi esegwita.

## Artikolu 9

## Proċeduri ta' Estradizzjoni u Dokumenti Meħtieġa

1. It-talbiet kollha għall-estradizzjoni għandhom isiru bil-miktub u jiġu trasmessi bil-mezzi diplomatiċi, inkluż trasmissjoni kif maħsub fl-Artikolu 13(4).

2. It-talbiet kollha għandhom ikunu sostnuti b':

(a) dokumenti, stqarrijiet, jew informazzjoni ta' xort'oħra li jiddiskrivu l-identita`, n-nazzjonalita`, u l-post fejn x'aktarx tkun tinsab il-persuna mfittxija;

(b) informazzjoni li tiddiskrivi l-fatti tar-reat u l-istorja proċedurali tal-każ;

(ċ) dikjarazzjoni li jkun fiha t-test tad-dispożizzjonijiet legali li jiddeskrivu l-elementi essenzjali tar-reat li dwaru tkun saret it-talba għall-estradizzjoni;

(d) dikjarazzjoni li jkun fiha t-test tad-dispożizzjonijiet legali li jistabilixxu l-piena għar-reat; u

(e) id-dokumenti, stqarrijiet jew informazzjoni ta' xort'ohra kif speċifikat fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, skond kif ikun il-każ.

3. Talba għall-estradizzjoni ta' persuna mfittxija biex tiġi proċessata, għandha tkun ukoll sostnuta b':

(a) kopja tal-mandat jew ordni ta' l-arrest maħruġ minn imħallef jew awtorita` oħra kompetenti;

(b) kopja tad-dokument ta' l-akkuża; u

(c) dik l-informazzjoni li tkun tista' twassal lill-Istat Rikjest biex jistabilixxi li jkun hemm bażi raġonevoli biex temmen li l-persuna mfittxija tkun wettqet ir-reat li dwaru saret it-talba ta' estradizzjoni.

4. Talba għall-estradizzjoni dwar persuna misjuba ħatja tar-reat li dwaru tintalab l-estradizzjoni għandha tkun sostnuta b':

a) kopja tad-deċiżjoni ta' ħtija, jew, fil-każ li kopja ma tkunx disponibbli, dikjarazzjoni minn awtorita` ġudizzjarja li l-persuna ġiet misjuba ħatja.

b) informazzjoni li tistabilixxi li l-persuna mfittxija hija l-istess persuna li għaliha tirreferi d-deċiżjoni ta' ħtija;

c) kopja tas-sentenza mogħtija, jekk il-persuna mfittxija kienet ingħatat sentenza, kif ukoll dikjarazzjoni li turi kemm minn din is-sentenza tkun ġiet skontata; u

d) f'każ illi persuna tkun ġiet misjuba ħatja *in absentia*, id-dokumenti meħtieġa mill-paragrafu 3.

5. Fil-każ li jqis l-informazzjoni li tkun ingħatat biex issostni t-talba għall-estradizzjoni bħala li ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan it-Trattat, l-Istat Rikjest jista' jeħtieġ li fiż-żmien raġonevoli minnu stabbilit l-Istat Rikjedent jagħtih aktar informazzjoni. Din l-informazzjoni supplimentari tista' tintalab u tingħata direttament bejn id-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti u l-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Malta.

6. L-Istat Rikjedent jista', fejn ikollu l-ħsieb li jibgħat informazzjoni sensittiva biex isostni t-talba tiegħu għall-estradizzjoni, jikkonsulta ma' l-Istat Rikjest sabiex jiġi stabbilit sa fejn l-Istat Rikjest jista' jħares dan l-informazzjoni. Fil-każ li l-Istat Rikjest ma jkunx jista' jħares din l-informazzjoni bil-mod li jkun irid l-Istat Rikjedent, l-Istat Rikjedent għandu jistabilixxi jekk l-informazzjoni għandhiex xorta waħda tintbagħat.

## Artikolu 10

## Ammissibilita` ta' Dokumenti

Id-dokumenti li fuqhom ikollhom iċ-ċertifikat jew timbru tal-Ministeru tal-Ġustizzja, jew tal-Ministeru jew Dipartiment responsabbli mill-affarijiet barranin ta' l-Istat Rikjedent, ikunu ammissibli fi proċeduri dwar l-estradizzjoni fl-Istat Rikjest mingħajr il-ħtieġa ta' iżjed ċertifikazzjoni, awtentikazzjoni jew legalizzazzjoni. Għall-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Ministeru tal-Ġustizzja għandu jfisser d-Dipartiment tal-Ġustizzja ta' l-Istati Uniti u għal Malta, il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Malta.

## Artikolu 11

## Sejbien ta' Ħtija *In Absentia*

F'każ li l-persuna mfittxija tkun ġiet misjuba ħatja *in absentia*, l-awtorita` ezekuttiva ta' l-Istat Rikjest tista' tirrifjuta l-estradizzjoni sakemm l-Istat Rikjedent ma jagħtihiex dawk l-assigurazzjonijiet li hi tqis bħala bizzejjed li l-persuna kienet ingħatat opportunita` adegwata li tiddefendi lilha nfisha, jew li wara l-konsenja l-persuna jkollha disponibbli rimedji jew proċeduri oħra adegwati.

## Artikolu 12

## Traduzzjoni

Id-dokumenti kollha li jinġiebu mill-Istat Rikjedent għandhom ikunu bi, jew tradotti ghal, l-Ingliz.

## Artikolu 13

## Arrest Proviżorju

1. L-Istat Rikjedent jista' jitlob l-arrest provizorju ta', u l-Istat Rikjest jista' joħroġ mandat ta' arrest ghal, persuna mfittxija, sakemm jiġu preżentati d-dokumenti li jsostnu t-talba għall-estradizzjoni quddiem il-qorti kompetenti. Talba għall-arrest proviżorju tista' tintbagħat bil-mezzi diplomatiċi jew direttament bejn id-Dipartiment tal-Ġustizzja ta'

l-Istati Uniti u l-Ministeru ta' l-Ġustizzja ta' Malta. Il-faċilitajiet ta' l-Organizzazjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL) jistgħu jintużaw ukoll biex tintbagħat talba bħal din.

2. It-talba għall-arrest proviżorju għandha jkun fiha:

a) deskrizzjoni tal-persuna mfittxija;

b) il-post fejn tkun tinstab il-persuna mfittxija, jekk ikun magħruf ;

c) dikjarazzjoni fil-qosor tal-fatti tal-każ, li tkun tinkludi, jekk jista' jkun, il-ħin u l-post fejn sar ir-reat;

d) deskrizzjoni tal-liġi jew liġijiet miksura;

e) dikjarazzjoni li jkun jeżisti mandat jew ordni ta' arrest, jekk hemm, jew sejbien ta' ħtija jew sentenza ta' kundanna kontra l-persuna mfittxija; u

(f) dikjarazzjoni li d-dokumenti li jsostnu t-talba ghall-estradizzjoni tal-persuna mfittxija jkunu ħa jaslu fiż-żmien speċifikat f'dan it-Trattat.

3. L-Istat Rikjedent għandu jiġi mgħarraf mingħajr dewmien dwar x'deċiżjoni tkun ittieħdet dwar it-talba tiegħu għall-arrest proviżorju u fil-każ li ma kienx possibbli li jsir dak mitlub bir-raġunijiet għal dan.

4. Persuna arrestata proviżorjament tista' tiġi meħlusa mill-kustodja meta' jagħlaq perjodu ta' erbgħin (40) jum mid-data ta' l-arrest proviżorju skond dan it-Trattat jekk l-awtorita` esekuttiva ta' l-Istat Rikjest ma tirċevix id-dokumenti li jsostnu t-talba għall-estradizzjoni meħtieġa bl-Artikolu 9. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż sa 20 jum ieħor. Għal dan il-għan, meta fil-perjodu imsemmi f'dan il-paragrafu id-dokumenti li jsostnu t-talba jkunu ġew riċevuti mill-Ambaxxata ta' l-Istat Rikjest fl-Istat Rikjedent dan għandhu jitqis bħala li gew riċevuti mill-awtorita` eżekuttiva ta' l-Istat Rikjedent.

5. Il-fatt li l-persuna mfittxija tkun ġiet mehlusa mill-kustodja skond il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma jippreġudikax l-arrest mill-ġdid u l-estradizzjoni ta' dik il-persuna jekk it-talba għall-estradizzjoni u d-dokumenti li jsostnuha jaslu f'data aktar tard.

## Artikolu 14

## Decizjoni u Konsenja

1. L-Istat Rikjest għandhu jinnotifika minnufih lill-Istat Rikjedent bid-deċiżjoni tiegħu dwar it-talba għall-estradizzjoni. Din in-notifika għandha tintbagħat direttament lid-Dipartiment jew lill-Ministeru tal-Ġustizzja ta' l-Istat Rikjedent u b'mezzi diplomatiċi.

2. Fil-każ li t-talba għall-estradizzjoni tiġi miċħuda kollha jew f'parti minnha, l-Istat Rikjest għandu jgħarraf lill-Istat Rikjedent bil-bażi taċ-ċaħda. L-Istat Rikjest għandu jipprovdi kopji tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji pertinenti meta mitlub.

3. Jekk it-talba għall-estradizzjoni tintlaqa', l-awtoritajiet ta' l-Istat Rikjedent u dawk ta' l-Istat Rikjest għandhom jaqblu fuq iż-żmien u l-post għall-konsenja tal-persuna mfittxija.

4. Fil-każ li l-persuna mfittxija ma titteħidx mit-territorju ta' l-Istat Rikjest mill-Istat Rikjedent fiż-żmien mogħti mil-liġi ta' l-Istat Rikjest, dik il-persuna tista' tinħeles mill-kustodja, u wara, l-Istat Rikjest, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jirrifjuta l-estradizzjoni dwar l-istess reat.

## Artikolu 15

## Posponiment tal-Konsenja

L-Istat Rikjest jista' jipposponi l-proċedimenti ta' estradizzjoni kontra persuna li tkun qed tiġi proċessata jew li tkun qed tiskonta sentenza f'dak l-Istat. Dan il-posponiment jista' jkompli sakemm tintemm il-prosekuzzjoni kontra l-persuna mfittxija jew sakemm dik il-persuna tkun skontat xi sentenza fuqha imposta.

## Artikolu 16

## Konsenja Temporanja

1. Fil-każ li tintlaqa' talba għall-estradizzjoni ta' persuna li tkun qed tiġi proċessata jew li tkun qed tiskonta sentenza fl-Istat Rikjest, l-Istat Rikjest jista' jikkonsenja temporanjament lill-persuna mfittxija lill-Istat Rikjedent sabiex dik il-persuna tiġi proċessata.

2. Il-persuna hekk konsenjata għandha tinżamm fil-kustodja fl-Istat Rikjedent u għandha tingħata lura lill-Istat Rikjest malli jintemmu l-proċeduri kontriha, skond il-kundizzjonijiet li jiġu miftehma bejn l-Istat Rikjedent u l-Istat Rikjest. Il-perjodu ta' żmien mgħoddi fil-kustodja fit-territorju tal-Istat Rikjedent sakemm issir il-prosekuzzjoni f'dak l-Istat jista' jitnaqqas miż-żmien li jkun baqa' biex jiġi skontat fl-Istat Rikjest.

## Artikolu 17

## Talbiet għal Estradizzjoni jew Konsenja Magħmula minn Diversi Stati

1. Fil-każ li l-Istat Rikjest jirċievi talbiet mill-Istat Rikjedent jew minn kwalunkwe Stat ieħor jew Stati oħra għall-estradizzjoni ta' l-istess persuna, kemm jekk għall-istess reat

sew jekk għal reati differenti, u dawn it-talbiet ma jkunux regolati mill-paragrafu 2, l-awtorita` eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest għandha tiddeċiedi lil liema Stat, jekk ikun il-każ, għandha tiġi konsenjata l-persuna.

2. Fil-każ li Malta tirċievi talba għall-estradizzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u talba għall-konsenja ta' persuna skond mandat ta' arrest Ewropew għall-istess persuna, kemm jekk għall-istess reat sew jekk għal reati differenti, l-awtorita' eżekuttiva tagħha għandha tiddeċiedi lill-liema Stat, jekk ikun il-każ, għandha tiġi konsenjata l-persuna.

3. Sabiex tieħu d-decizjoni taħt il-paragrafi 1 u 2, l-Istat Rikjest għandu jieħu qies tal-fatturi relevanti kollha, fosthom iżda mhux biss:

a) jekk it-talbiet sarux skond trattat;

b) il-postijiet fejn ġie mwettaq kull reat;

c) l-interessi rispettivi ta' l-Istati Rikjedenti;

d) l-gravita` tar-reati;

e) in-nazzjonalita` tal-vittma;

f) il-possibilita` ta' estradizzjoni sussegwenti bejn l-Istati Rikjedenti; u

g) l-ordni kronoloġiku li fih ġew riċevuti t-talbiet mingħand l-Istati Rikjedenti.

## Artikolu 18

## Qbid u Konsenja ta' Propjeta`

1. L-Istat Rikjest jista', sa fejn tippermettilu l-liġi tiegħu, jaqbad u jikkonsenja lill-Istat Rikjedent il-ħwejjeġ kollha, inklużi oġġetti, dokumenti u evidenza, li jkollhom x'jaqsmu mar-reat li dwaru tintlaqa' l-estradizzjoni. Il-ħwejjeġ imsemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu kkonsenjati wkoll jekk l-estradizzjoni ma tkunx tista' ssir minħabba l-mewt, l-għajbien jew il-ħarba tal-persuna mfittxija.

2. L-Istat Rikjest jista' jassoġġetta l-konsenja tal-ħwejjeġ għall-kundizzjoni li jkun hemm assigurazzjonijiet sodisfaċenti mill-Istat Rikjedent li l-propjeta` tiġi mrodda lura lill-Istat Rikjest mill-aktar fis li jkun prattikabbli. L-Istat Rikjest jista' wkoll jipposponi l-konsenja tal-ħwejjeġ imsemmija jekk ikun hemm bżonnhom bħala prova fl-Istat Rikjest.

3. Id-drittijiet ta' terzi fuq il-ħwejjeġ imsemmija għandhom ikunu rispettati kif imiss skond il-liġijiet ta' l-Istat Rikjest.

## Artikolu 19

## Regola ta' Speċjalita'

1. Persuna li tkun ġiet estradita taħt dan it-Trattat ma tistax tiġi detenuta, proċessata, jew punita fl- Istat Rikjedent ħlief għal:

a) kull reat li għalih tkun ingħatat l-estradizzjoni, jew reat iżgħar u inkluż u li l-elementi kostitwenti tiegħu juru li jkun reat ta' estradizzjoni msejjes fuq l-istess fatti bħar-reat li għalih tkun ingħatat l-estradizzjoni;

b) kull reat imwettaq wara l-estradizzjoni tal-persuna ; jew

c) kull reat illi dwaru l-awtorita` eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest tagħti l-kunsens tagħha sabiex il-persuna tiġi detenuta, proċessata jew punita. Għal-għanijiet ta' dan is-sub-paragrafu:

   (i) l-Istat Rikjest jista' jitlob sabiex jiġi provdut bid-dokumentazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 9; u

   (ii) il-persuna estradita tista' tiġi detenuta mill-Istat Rikjedent għal 60 jum, jew għal dak it-tul ta' żmien itwal kif jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Rikjest, sakemm it-talba tiġi proċessata.

2. Meta d-deskrizzjoni tar-reat fl-akkuża tinbidel matul il-proċedimenti, il-persuna estradita ghandha tiġi proċessata jew sentenzjata biss kemm-il darba l-elementi kostitwenti tar-reat skond id-deskrizzjoni ġdida tiegħu juru li hu reat ta' estradizzjoni, u jkun punibbli bl-istess piena massima daqs, jew b'piena massima anqas minn, dik għar-reat li għalih tkun ingħatat l-estradizzjoni. Meta jiġu biex japplikaw din id-dispożizzjoni l-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom skond l-Artikolu 24.

3. Persuna estradita taħt dan it-Trattat ma tistax tiġi estradita lil xi Stat terz jew lil xi tribunal internazzjonali għal xi reat mwettaq qabel ma tkun ġiet estradita sakemm l-Istat Rikjest ma jagħtix il-kunsens tiegħu.

4. Il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, m'għandhomx jimpedixxu li l-persuna estradita tiġi detenuta, proċessata jew punita, jew li dik il-persuna tiġi estradita lejn Stat terz, jekk:

(a) dik il-persuna titlaq mit-territorju ta' l-Istat Rikjedent wara l-estradizzjoni u minn jeddha tmur lura f'dak l-Istat; jew

(b) dik il-persuna ma titlaqx mit-territorju ta' l-Istat Rikjedent fi żmien 30 jum mill-jum li dik il-persuna tkun f'qagħda li titlaq.

## Artikolu 20

## Rinunzja għall-Estradizzjoni

Fil-każ li l-persuna mfittxija tirrinunzja għall-estradizzjoni lejn l-Istat Rikjedent, l-Istat Rikjest jista' jikkonsenja lill-persuna mill-aktar fis possibli mingħajr aktar proċedimenti.

## Artikolu 21

## Proċeduri ta' Estradizzjoni Simplifikati

Jekk il-persuna mfittxija tagħti l-kunsens tagħha sabiex tiġi konsenjata lill-Istat Rikjedent, l-Istat Rikjest jista', skond il-prinċipji u proċeduri maħsuba fis-sistema legali tiegħu, jikkonsenja lill-persuna mill-aktar fis possibli mingħajr aktar proċedimenti. Il-kunsens tal-persuna mfittxija jista' jinkludi qbil li tirinunzja għall-protezzjoni tar-regola ta' speċjalita`.

## Artikolu 22

## Transitu

1. L-Istati Uniti ta' l-Amerika tista' tawtorizza t-trasportazzjoni mit-territorju tagħha ta' persuna li tkun konsenjata lil Malta minn Stat terz, jew minn Malta lil Stat terz. Malta tista' tawtorriżża t-trasportazzjoni mit-territorju tagħha ta' persuna li tkun ġiet konsenjata lill-Istati Uniti ta' l-Amerika minn Stat terz jew mill-Istati Uniti ta' l-Amerika lil Stat terz.

2. Talba għal transitu għandha ssir b'mezzi diplomatiċi jew direttament bejn id-Dipartiment tal-Ġustizzja ta' l-Istati Uniti u l-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Malta. Sabiex tintbagħat din it-talba jistgħu jintużaw ukoll il-faċilitajiet ta' l-Organizzazjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL). It-talba għandu jkollha deskrizzjoni tal-persuna li tkun qed tiġi trasportata flimkien ma' tagħrif fil-qosor dwar il-fatti tal-każ. Persuna li tkun fi transitu għandha tinżamm fil-kustodja tul il-perjodu ta' transitu.

3. M'hemmx bżonn ta' awtorizzazjoni meta t-transportazzjoni ssir bl-ajru u l-ebda nżul ma jkun ppjanat li jsir fit-territorju ta' l-Istat ta' transitu. Jekk isir xi nżul mhux ppjanat, l-Istat li fit-territorju tiegħu isir l-inżul jista' jeħtieġ li ssirlu talba għal transitu skond il-paragrafu 2. Sakemm iseħħ it-transitu għandhom jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex il-persuna ma titħalliex taħrab, sakemm it-talba għal transitu tiġi riċevuta fi żmien 96 siegħa mill-inżul mhux pjanat.

## Artikolu 23

## Rappreżentanza u Spejjeż

1. L-Istat li jirċievi t-talba għandhu jagħti parir, jassisti, jidher fil-qorti għan-nom ta', u għandu jirrapreżenta l-interessi ta', l-Istat Rikjedent, f'kull proċedimenti li jsegwu talba għall-estradizzjoni.

2. L-Istat Rikjedent għandu jħallas l-ispejjeż kollha relatati mat-traduzzjoni tad-dokumenti ta' l-estradizzjoni u t-transportazzjoni tal-persuna ċeduta. L-Istat Rikjest għandu jħallas l-ispejjeż kollha l-oħra li jsiru f'dak l-Istat li jkollhom x'jaqsmu mal-proċedimenti ta' estradizzjoni.

3. L-ebda Stat ma għandu jagħmel xi talba għal xi flus kontra l-Istat l-ieħor li tkun tinqala' mill-arrest, detenzjoni, eżami, jew il-konsenja ta' persuni skond dan it-Trattat.

## Artikolu 24

## Konsultazzjoni

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja ta' l-Istati Uniti u l-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Malta jistgħu jikkonsultaw lil xulxin b'mod dirett jew permezz tal-faċilitajiet ta' l-Organizzazjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL) dwar il-proċessar ta' każijiet individwali u biex tinġieb 'l quddiem l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan it-Trattat.

## Artikolu 25

## Applikazzjoni

1. Dan it-Trattat għandu japplika għar-reati ta' estradizzjoni imwettqa kemm qabel kif ukoll wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ dan it-Trattat.

2. Dan it-Trattat għandhu japplika għal talbiet għall-estradizzjoni li jsiru wara li jidħol fis-seħħ. B'danakollu l-Artikoli 2 u 16 għandhom japplikaw għal talbiet li jkunu pendenti fl-Istat Rikjest fiż-żmien meta jidħol fis-seħħ dan it-Trattat.

## Artikolu 26

## Ratifika u Dħul fis-Seħħ

1. Dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum li jiġi wara t-tielet xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu skambjaw notifiki li jindikaw li jkunu temmew il-proċeduri interni għal dan il-għan.

2. Mad-dhul fis-sehh ta' dan it-Trattat, it-Trattat ta' Estradizzjoni ffirmat f'Londra fit-22 ta' Diċembru, 1931, għandu jieqaf milli jkollu xi effett.

## Artikolu 27

## Tmiem ta' t-Trattat

Kemm Stat u kemm l-ieħor jista' f'kull ħin iġib fi tmiem dan it-Trattat billi jagħti avviż bil-miktub lill-Istat l-ieħor, u t-tmiem isir effettiv sitt xhur wara d-data ta' dan l-avviż.

B'XHIEDA TA' DAN l-hawn taħt iffirmati, kif hekk awtorizzati mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan it-Trattat.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta, f'żewġ kopji oriġinali, illum it-18-il jum ta' Mejju 2006 bil-lingwa Ingliża u Maltija, biż-żewġ testi jkunu ugwalment awtentiċi.

**Għall-Gvern ta' L-Istati Uniti ta' L-Amerika**

**Għall-Gvern ta' Malta**

*Embassy of the United States of America*

May 18, 2006

Mr. Charles Deguara
Permanent Secretary
Ministry for Justice and Home Affairs
House of Catalunya
Marsamxetto Road
Valletta - CMR 02

Dear Mr. Deguara:

I have the honor to refer to the Extradition Treaty between the Government of the United States of America and the Government of Malta (the Treaty) signed today, and to confirm the understanding of the Parties with respect to Article 6. I have the honor to propose that the Treaty be applied in accordance with the provisions set out in this Letter.

With respect to Article 6 of the Treaty, the Parties note that their constitutional systems permit the granting of clemency or amnesty, with the potential effect of removing criminal responsibility for the offenses. The granting of clemency or amnesty occurs on occasion, and is a matter to be decided by a Party's domestic law. Where the grant of such clemency or amnesty may have a bearing on a pending request for extradition, the Parties shall consult pursuant to Article 24 to determine the effect, if any, that the grant of clemency or amnesty may have on a decision whether to extradite.

If the above proposal is acceptable to the Government of Malta, I have the honor to propose that this Letter and your reply to that effect will place on record the understanding of our two Governments on the matter, which will come into operation on the date of entry into force of the Treaty.

Sincerely,

Molly H. Bordonaro
Ambassador of the United States to Malta

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

*Ufficcju tas-Segretarju Permanenti*

*Office of the Permanent Secretary*

18 May 2006

H.E. Ms Molly H. Bordonaro
Ambassador
Embassy of the United States of America

---

Dear Madame Ambassador,

I have the honor to acknowledge the receipt of your Letter dated 18 May 2006, which reads as follows:

*"I have the honor to refer to the Extradition Treaty between the Government of the United States of America and the Government of Malta (the Treaty) signed today, and to confirm the understanding of the Parties with respect to Article 6. I have the honor to propose that the Treaty be applied in accordance with the provisions set out in this Letter.*

*With respect to Article 6 of the Treaty, the Parties note that their constitutional systems permit the granting of clemency or amnesty, with the potential effect of removing criminal responsibility for the offenses. The granting of clemency or amnesty occurs on occasion, and is a matter to be decided by a Party's domestic law. Where the grant of such clemency or amnesty may have a bearing on a pending request for extradition, the Parties shall consult pursuant to Article 24 to determine the effect, if any, that the grant of clemency or amnesty may have on a decision whether to extradite.*

*If the above proposal is acceptable to the Government of Malta, I have the honor to propose that this Letter and your reply to that effect will place on record the understanding of our two Governments on the matter, which will come into operation on the date of entry into force of the Treaty."*

I have the honor to confirm, on behalf of the Government of Malta, the foregoing understanding and to agree that your Letter and this Letter in reply shall be regarded as constituting an agreement between the two Governments, which shall enter into force on the same day when the Treaty enters into force.

Yours,

**Charles Deguara**
Permanent Secretary

HOUSE OF CATALUNYA, M'XETTO RD, VALLETTA, CMR 02, MALTA
Tel. (+356) 2295 7000; FAX (+356) 2295 7149